# FATE CHIASSO!!

## AGĦMLU KJASS



# FATE CHIASSO!!

Din ir-riżorsa hi maqsuma f'erba' sezzjonijiet u hi intenzjonata għal żgħażagħ minn 14-il sena 'l fuq, għalkemm hi utli u interessanti għal kull età. Ħossok liberu li tagħmel din ir-riżorsa waħdek, jew bħala attività tal-grupp, biex b'hekk tħoss dak l-ispirtu ta' komunità u tagħmlu impatt ikbar flimkien.

Għalkemm din ir-riżorsa qed tiġi ppreżentata bħala gwida għall-Avvent, m'hemmx għalfejn tistenna dal-istaġun biex tattwalizzaha. Veru li hi ispirata minn temi li tipikament jiġu assoċjati ma' dal-perjodu, imma din il-gwida hi mfassla biex taħdem fi kwalunkwe żmien tas-sena.

Il-Papa Franġisku għandu messaġġ għaż-żgħażagħ:

> jekk m'għandkom xejn xi tgħidu, tal-anqas **agħmlu kjass!" — fate chiasso**

Hu qed jisfidana biex nieħdu azzjoni! Ħares ftit madwarek, aħseb dwar xi bidla li tista' tagħmel

fil-komunità tiegħek, u aqla' kjass!

L-Avvent mhuwiex biss perjodu ta' stennija: huwa żmien ta' tama, fidi, u tħejjija għal xi ħaġa kbira. Ejja ma nibqgħux ċiċċi beqqi f'dan l-istaġun. Ejja nħallu impatt reali fil-komunitajiet tagħna hekk kif inħejju ruħna għat-twelid ta' Ġesù!

Din ir-riżorsa hi ddisinjata biex tgħinek tirrifletti fuq ir-realtà soċjali tal-komunità tiegħek, issemma' leħnek, u tieħu azzjoni! Kull sezzjoni tiffoka fuq tema differenti tal-Avvent — tama, paċi, ferħ, u mħabba — u torbothom mal-isfidi reali li niltaqgħu magħhom ta' kuljum.

Hawn hu x'tista' tistenna minn kull sezzjoni:

- Sezzjoni1: ***Tama*** Ħares u agħraf il-bżonnijiet ta' madwarek.
- Sezzjoni 2: ***Paċi*** Sib il-kuraġġ biex issemma' leħnek għall-ġustizzja.
- Sezzjoni 3: ***Ferħ*** Aħseb u aġixxi! Il-fatti jgħidu ħafna aktar mill-kliem.
- Sezzjoni 4: ***Imħabba*** Irrifletti fuq dak li ksibt.

Fl-aħħar mill-aħħar l-għan ta' din ir-riżorsa hu li tpoġġi fil-prattika t-Tagħlim Soċjali tal-Knisja. Fil-qalba ta' dan it-tagħlim u t-taħbit kontra l-inġustizzji soċjali jinsab ir-rispett għad-dinjità umana.



Tama



Imħabba

# Agħmlu Kjass



Paċi

Ferħ



# TAMA

## Ħares u agħraf il-bżonnijiet ta' madwarek.

"Leħen jgħajjat: 'Ħejju t-triq għall-Mulej fid-deżert, wittu għal Alla tagħna mogħdija fix-xagħri.'"

Iżaija 40:3

Meta naqra dan il-vers jiġini f'moħħi San Ġwann il-Battista, li kien imħabbar minn Iżaija. Iżda dan l-aħħar ħassejt li dan il-vers japplika għalija wkoll. Toħodnix ħażin, m'iniex qed ngħid li jien xi profeta, imma meta naqra "wittu għal Alla tagħna mogħdija fix-xagħri", inħoss bħallikieku Alla qed isejjaħ lil kull wieħed u waħda minna sabiex niftħu qalbna u nħejju spazju għalih f'ħajjitna — anke "fix-xagħri" tal-isfidi, tad-dubji, jew tal-inċertezzi li nħabbtu wiċċna magħhom.

Dan il-vers jisfidana biex inħarsu lejn dawk l-aspetti f'ħajjitna li nħossuhom imħarbta jew kaotiċi, l-aspetti li jinħassu strambi jew mhux eżatt. Jinkoraġġina li nkunu attivi, li nwittu "triq prinċipali" fl-isfond

tal-inġustizzji, it-tjubija, u l-verità. Vers li jinkoraġġina nkunu xempju ta' tama, u noħolqu spazji għall-kompassjoni u l-ġustizzja kull fejn immorru. Ifakkarna li kulħadd għandu rwol, hi x'inhi l-età, biex inħejji lid-dinja għall-preżenza t'Alla.

## PUNTI TA' RIFLESSJONI

- Meta tiġi wiċċ imb wiċċ ma' temi ta' natura soċjali, kif tħossok? X'tixtieq li jinbidel?
- Hemm xi tema ta' natura soċjali li tħoss li hi importanti għalik? Xi tfisser għalik?
- Dawn ir-realtajiet soċjali kif qed jaffettwaw lin-nies ta' madwarek — lil sħabek jew lin-nies fil-komunità tiegħek?
- X'kapaċitajiet jew talenti tħaddan li jistgħu jkunu ta' għajnuna biex tagħmel differenza neċessarja?
- Jiġuk drabi fejn tħossok li "int persuna waħda biss"?

## ATTIVITÀ

**Mixja fil-komunità:** Mur għal "mixja fil-belt jew fir-raħal" jew qatta' ftit ħin aqra l-aħbarijiet lokali u posts fuq il-midja soċjali ta' tema soċjali relatati mal-lokalità tiegħek. Innota sitwazzjonijiet bħall-faqar, nies bla dar, jew kif qed jiġi trattat l-ambjent. Ħu nota ta' dak li tara jew tisma' — bil-miktub jew anke b'ritratti (dejjem bil-kunsens).

Ibda l-mixja fil-komunità biex tosserva tema ta' natura soċjali jew oqsma li hemm bżonn ta' titjib fil-lokalità tiegħek. Din il-mixja tista' ssir kemm fiżikament kif ukoll virtwalment:

- **Mixja Fiżika:** Oħroġ mal-grupp tiegħek u esplora l-lokalità. Żomm għajnejk miftuħa għal dak li jidher żbaljat, inġust, jew li jista' jitjieb. Ara, isma', u agħti kas ta' kull dettall li forsi qabel ma nnutajtx.

- **Mixja Virtwali:** Ma tistax toħroġ? Mhux problema! Mur online u ara x'temi qed jiġu diskussi dwar il-komunità tiegħek fuq l-aħbarijiet, il-midja soċjali, jew websites relatati.

***Moħħok hemm u nnota dak li tosserva!***

## PREPARAZZJONI

- **Għanijiet:** Ibdew billi bħala grupp tiddiskutu xi tridu tiksbu permezz ta' din l-attività. Iddefinixxu l-għan: li tosservaw, tirriflettu, u tifhmu aktar it-temi ta' natura soċjali fil-komunità tagħkom.

- **Identifikaw Temi Ewlenin:** Agħmlu diskussjoni libera fuq temi ta' natura soċjali li tistgħu tiltaqgħu magħhom, bħall-faqar u l-problemi ambjentali. Hemm xi tema speċifika li tispikka għalik?

  - Hemm sinjali ta' diskriminazzjoni jew nuqqas ta' appoġġ għall-individwi?
  - Hemm spazji fil-komunità li huma aċċessibbli għall-familji? In-nies qed jipparteċipaw b'mod attiv f'temi ta' natura lokali?
  - Hemm sinjali viżibbli ta' faqar? Hemm nies bla dar u servizzi ta' appoġġ għalihom?
  - Hemm eżempji ta' solidarjetà bejn komunitajiet differenti? Jew hemm sens ta' iżolament u diviżjoni?
  - Hemm problemi ambjentali bħat-tniġġis, żibel, jew nuqqas ta' spazji naturali?

Fil-qalba ta' kull ħidma Kattolika hemm il-protezzjoni tad-dinjità umana. Dan ifisser li nagħrfu li kull persuna għandha valur uniku, għax hija maħluqa fix-xbieha t'Alla u hi tant għażiża għalih. Tfisser li nġibu ruħna b'rispett u b'kompassjoni ma' kulħadd, u naraw lil Alla f'kull persuna, tkun xi tkun l-istorja tagħha. Meta naqdu lil ħaddieħor, id-dinjità umana hija dik li tmexxina — il-kompassjoni u l-appoġġ tagħna jgħinu lin-nies jgħixu b'kuraġġ u b'għan. Huwa permezz ta' dawk l-azzjonijiet żgħar ta' tjubija u kura li noħorġu l-aħjar minn kulħadd, inkluż minna nfusna.

In-nuqqas ta' rispett lejn l-irġiel u n-nisa jista' jidher b'ħafna modi, bħall-problemi iktar kmieni. Meta tiltaqa' ma' dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet, kun attent u staqsi lilek innifsek: kif qed tiġi injorata d-dinjità tagħhom?

## METODU T'OSSERVAZZJONI

**Tista' tagħmel din il-mixja waħdek jew mal-ħbieb tiegħek.** Esplora l-lokal tiegħek, agħti ħarsa tajba madwarek, u nnota dak li jidher inġust, barra minn postu, jew li jeħtieġ titjib. Ara, isma', u agħti kas ta' kull dettall tal-partijiet differenti tal-komunità.

Jekk ma tistax toħroġ għal mixja fiżika, mur mixja virtwali tal-lokalità tiegħek. Fittex online u skopri aktar fuq temi komunitarji billi tesplora artikli tal-aħbarijiet, posts fuq il-midja soċjali, u websites relatati mal-lokalità tiegħek.

## OBSERVATION METHOD

Iddokumenta dak li tosserva f'forom differenti — bħal ritratti, riflessjonijiet miktuba, posts minn midja soċjali li ħadt nota tagħhom, jew links għal videos. Din l-informazzjoni għandha sservik bħala prova ta' dak li nnutajtu.

- **Materjali Meħtieġa:** Ġorr miegħek xi djarju u xi ħaġa biex tikteb, u jekk huwa permess, smartphones jew kameras biex tiddokumenta l-osservazzjonijiet tiegħek. Kull grupp għandu jkollu formoli ta' kunsens jekk se jittieħdu xi ritratti ta' persuni jew proprjetà privata.
- **Iddokumenta b'Sensittività:** Irrispetta lin-nies meta tikteb dak li tosserva. Tiħux vantaġġ minn dak li jġarrbu n-nies u tissenzjonalizzahx.Ħu ritratti biss meta jkun xieraq u dejjem itlob il-permess jekk il-persuni jkunu identifikabbli.

## TALBA

Grazzi, Mulej, tal-possibbiltà li nosservaw il-bżonnijiet ta' madwarna. Waqt li nimxu fil-komunità tagħna, iftħilna għajnejna għall-affarijiet li jeħtieġu titjib u agħtina l-kuraġġ biex inkunu jew nagħtu sehem fid-differenza neċessarja.

Iggwidana inti, Mulej, biex insibu fejn nistgħu nkunu ta' servizz, u għinna biex inġibu tama lil dawk l-aktar li għandhom bżonnha.

***Ammen***

# PAĊI

## Sib il-kuraġġ biex issemma' leħnek għall-ġustizzja

"Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja."

**Mattew 25:34-40**

Dan il-vers ifakkarna kif kull att ta' tjubija u kompassjoni huwa bħallikieku qed naqdu lil Ġesù direttament. Jurina li l-fidi mhijiex biss li mmorru l-quddies jew ngħidu t-talb, imma wkoll dwar l-imġiba tagħna mal-oħrajn — speċjalment dawk li jħossuhom minsijin jew għaddejjin minn żminijiet diffiċli. Li ngħinu lil min għandu bżonn — bħal nitimgħu lil min hu bil-ġuħ, ngħinu lil min hu fqir, jew infarrġu lil xi ħadd li qed ibati — huwa mod kif naqsmu l-imħabba ta' Ġesù u nagħmlu l-preżenza tiegħu reali fil-komunitajiet tagħna.

Dan il-messaġġ jinsab fil-qalba tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja: messaġġ ta' dinjità, ġustizzja, u li nkunu hemm għal ħaddieħor, speċjalment għal dawk li għandhom

l-aktar bżonn. Hu tfakkira li Alla jsejjaħ lilna lkoll, hi x'inhi l-età tagħna, biex nagħmlu d-differenza reali li nistgħu nagħmlu aħna, anke jekk b'għemil żgħir, billi nxerrdu tama u mħabba ma' dawk ta' madwarna.

## PUNTI TA' RIFLESSJONI

- Issa li kellek din l-opportunità li tara l-komunità tiegħek b'lenti differenti, fejn taħseb li tista' tagħmel differenza?
- Kieku kont f'din is-sitwazzjoni, kif tixtieq li l-oħrajn iġibu ruħhom miegħek?
- X'tip ta' appoġġ tapprezza kieku kont int li qiegħed fil-bżonn?
- Hemm entitajiet jew nies li jistgħu jgħinuk biex toħloq bidla pożittiva?

Int u l-grupp tiegħek kif tistgħu tikkollaboraw ma' ħaddieħor biex tagħmlu differenza? Sib modi żgħar u konkreti biex iġġibu tbissima fuq wiċċ ħaddieħor. Tistgħu tagħmlu ġabra tal-ikel għar-raħal, tqattgħu ħin ma' xi membru tal-familja li għandu bżonn sapport, jew tibdew proġett biex tindirizzaw bżonn partikolari fil-komunità tagħkom.

Ftakar li s-servizz mhuwiex neċessarjament xi ġest kbir — huwa wkoll dawk il-ġesti ż-żgħar kontinwi, li ta' spiss jittieħdu for granted, il-ġesti ta' kuljum, bħal li tkun verament preżenti għall-oħrajn.

## ATTIVITÀ

**Hope Board:** Aqsmu li sibtu waqt il-mixja fil-komunità (virtwali jew fiżika). Imbagħad oħolqu mappa tal-komunità tagħkom, iddiskutu dak li osservajtu u s-sitwazzjonijiet li taħsbu l-aktar għandhom bżonn ta' attenzjoni. Jekk xi wħud m'għandhomx xi oġġett li jistgħu jżidu mal-Hope Board jistgħu jużaw karti biex jiktbu kliem li jirrifletti l-kontribuzzjoni tal-ħsieb tagħhom. Tistgħu anke tagħmlu board virtwali u kull persuna ttella' s-sejbiet tagħha hemm.



**Diskussjoni fil-Grupp:** Kulħadd jista' jieħu l-opportunità biex jaqsam dak li osserva, xi ġrajja, ritratti jew posts mal-grupp.

Żommu għajnejkom u widnejkom miftuħa. Hemm xi temi jew sitwazzjonijiet li qed jiġu rrepetuti? X'qed juru dawn dwar il-lokalità tagħkom? Kif qed jaffettwaw lin-nies ta' madwarkom?

**Irriflettu dwar ir-Relazzjonijiet Personali:** Issa li ddiskutejtu dan kollu bħala grupp, ħu ftit mumenti u rrifletti fuq x'impatt kellha din l-esperjenza fuqek b'mod personali. Kien hemm xi sorpriżi? Kontu ispirati biex tieħdu azzjoni?

**Pjan t'Azzjoni:** Issa li għandkom idea iktar ċara ta' dak li l-komunità tagħkom teħtieġ, ejjew naraw b'mod konkret x'tistgħu tagħmlu biex tkunu ta' differenza! Tibżgħux timmaġinaw u tkunu kreattivi. Ejjew flimkien u oħorġu b'ideat ta' kif tistgħu tittrattaw dawn it-temi ta' natura soċjali. Tistgħu tikkollaboraw ma' entitajiet lokali, grupp taż-żgħażagħ ieħor, jew mal-kappillan biex tagħmlu impatt akbar. Stabbilixxu għanijiet speċifiċi u konkreti u ddeċiedu min se jagħmel xiex.

Esplora dawn l-għodod issuġġeriti biex toħloq Hope Board virtwali. Agħti aċċess lill-grupp kollu biex kulħadd jaqsam dak li osserva.

## TALBA

Grazzi, Mulej, talli ftaħtilna qalbna u għajnejna għall-ħtiġijiet tal-komunità tagħna. Hekk kif nirriflettu fuq kif nistgħu nagħmlu differenza, nitolbuk tgħinna narawk f'kull persuna li niltaqgħu magħha, filwaqt li niftakru li meta ngħinu lil xi ħadd minn ħutna nkunu qegħdin naqdu lilek.

Saħħilna r-rieda biex pass pass intejbu l-komunità tagħna. Agħmilna strumenti tiegħek biex kemm jekk wiċċ imb wiċċ kif ukoll jekk online nkunu ta' wens u sabar għal dawk li jħossuhom imwarrbin.

***Ammen***

# FERĦ

## Aħseb u aġixxi! Il-fatti jgħidu ħafna aktar mill-kliem

"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi."

**Luqa 1:46-47**

L-"**iva**" ta' Marija ma kinitx sempliċement deċiżjoni ta' malajr: kienet "**iva**" mimlija bil-ferħ, "**iva**" kuraġġuża u ta' impenn għall-pjan ta' Alla avolja ma kinitx taf id-dettalji kollha. Bl-"**iva**" tagħha wrietna li meta nafdaw f'Alla ma jfissirx li m'aħniex se jkollna dubji, mistoqsijiet, jew sfidi — tfisser li nemmnu li Alla għandu skop inkredibbli għal kull wieħed u waħda minna, anke jekk għadu mhux ċar f'moħħna.

Dan il-vers jispirana biex niskopru l-ferħ fl-"**iva**" tagħna lil Alla. Nistgħu nagħmlu dan permezz ta' ġesti sbieħ, li ngħinu lil ħaddieħor, li niddefendu s-sewwa, jew anke billi nżommu qalbna u moħħna miftuħin għall-grazzja t'Alla. Finalment, kull "iva" tressaqna eqreb lejh. L-"iva" tagħna tista' twassalna f'toroq mhux

mistennija, imma bħal Marija nagħrfu li l-"**iva**" se tagħmilna strument tal-imħabba t'Alla.

## PUNTI TA' RIFLESSJONI

- Kif tħossok inti u tgħid "iva" għal dan il-proġett? Eċitat? Nervuż? Jew forsi taħlita t'emozzjonijiet?
- Marija afdat fil-pjan t'Alla, anke jekk ma kinitx taf x'kien se jiġri. X'intoppi jew sfidi taħseb li tista' tiltaqa' magħhom f'dan il-proġett?
- Kif tħossok meta taħseb li x-xogħol tiegħek jista' verament jagħmel differenza fil-ħajja ta' ħaddieħor?
- Kif tixtieq li tħossok ladarba tkun wettaqt dal-proġett?

## ATTIVITÀ

Allura, issa identifikajt x'għandha bżonn il-komunità tiegħek u ħdimt fuq pjan. Issa wasal iż-żmien! Iż-żmien li taqbad dal-ippjanar kollu u tattwalizzah. Iċ-ċans li verament tkun ta' bidla fil-komunità tiegħek!

**Pro Tip:** Meta tkun qed twettaq il-proġett tiegħek, żomm moħħok u qalbek miftuħa għal dawk li qed tgħin.Ftakar li din mhijiex biss opportunità li fiha tista' tagħti imma li tista' tirċievi wkoll. X'qegħdin jgħallmuk? Ħu ftit ħin biex tirrifletti fuq dak li qed tirċievi minn din l-esperjenza.

Iltaqa' ma' erba' persuni li, bħalek, qed jagħmlu differenza fil-komunità tagħhom.



**CHRISTINE MIFSUD**
Commission for the Rights of Persons with Disability



**KARMNU SAMMUT**
Bidwi



**MARIQUE SCIBERRAS**
Fondazzjoni Suret il-Bniedem



**FR RODERICK CAMILLERI**
Arcipriet

Kull wieħed u waħda minnhom qed jaqdu lill-komunità b'modi differenti: billi jkunu ta' sostenn, jinkoraġġixxu lill-oħrajn, jipproteġu lill-ambjent, jew juru solidarjetà ma' dawk fil-bżonn. Dawn l-individwi huma eżempji li jistgħu jispirawk, u anke jekk trid tikkollabora magħhom biex flimkien iġġibu bidla fil-komunità tiegħek.

***Skennja il-QR code*** biex tara dawn il-konversazzjonijiet qosra.

## TALBA

Mulej, aħna lesti ngħidu "iva" għas-sejħa tiegħek u nagħmlu differenza, imma nafu li ma nistgħux nagħmluha waħedna. Agħtina l-qawwa u l-kuraġġ biex inwettqu dak li bdejna, anke meta l-affarijiet isiru diffiċli, u fakkarna li kull azzjoni żgħira tgħodd.

Nafu li se nitgħallmu waqt li nimxu 'l quddiem; għalhekk għinna nibqgħu miftuħin għal dawk li niltaqgħu magħhom u għal-lezzjonijiet li għandhom x'jgħallmuna. Entużjasti biex nibdew, Mulej, u nafdaw li inti se tkun magħna f'kull pass li nagħmlu!

***Ammen***

# IMĦABBA

## Irrifletti fuq dak li ksibt.

"Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin."

**Ġwanni 13:34**

Dan il-vers ifakkarna b'mod qawwi li l-imħabba mhix biss sensazzjoni — hija azzjoni. Hija sejħa biex ngħixu l-imħabba. Dan ifisser li nuru tjieba, ħniena, u anke maħfra, anke meta jkun diffiċli jew meta ma nirċievu xejn lura.

Meta Ġesù jgħid, "**Bħalma ħabbejtkom jien**," qed jirreferi għall-eżempju tiegħu stess — kif qatta' ħin mal-imwarrbin, ħafer lil dawk li weġġgħuh, u saħansitra ssagrifika ħajtu għalina. Dan ifisser li aħna wkoll irridu nieħdu ħsieb lill-oħrajn, ngħinu lil ħbiebna, niddefendu dak li hu sewwa, u nkunu ta' sostenn għal dawk li jistgħu jkunu emarġinati jew għaddejjin minn diffikultajiet.

Illum il-ġurnata, kultant inħossuha aktar faċli li naħsbu biss fina nfusna, imma dan il-kmandament qed jisfidana biex ngħixu l-fidi tagħna b'mod attiv u konkret. Li nħobbu kif iħobb Ġesù jfisser li nkunu mera tal-imħabba ta' Ġesù. Fis-sens illi nagħmlu azzjonijiet żgħar ta' kuljum li jirriflettu t-tjubija u l-altruwiżmu tiegħu, li ngħinu biex tinbeda komunità li tinħass bħala familja.

Ejjew naraw din l-aħħar parti tar-riżorsa bħala talba, sabiex nirriflettu fuq il-proġett u nikkunsidraw l-impenn meħtieġ biex noħolqu u nispiraw bidla sinifikanti.

## PUNTI TA' RIFLESSJONI

- Issa li wettaqt l-inizjattiva tiegħek, ħu ftit ħin u rrifletti kif bidlitek din l-esperjenza ta' servizz fil-komunità tiegħek.
- Kif ħassejtek bħala sors ta' mħabba għal xi ħadd fil-bżonn?
- Hemm xi esperjenza li tgħożż f'qalbek?
- Kien hemm parti mill-proġett li kienet diffiċli imma xorta waħda ħassejt li kienet ta' sodisfazzjon?
- Hemm mod kif tuża dak li tgħallimt fil-ħajja tiegħek ta' kuljum?

- Tħoss li din l-esperjenza se tkun ta' darba biss jew ispiratek biex tkompli tagħmel differenza?

## ACTIVITY

**Impenn għall-Imħabba:** Ikteb xi impenn personali biex tkompli tesprimi l-imħabba anke wara din l-attività. F'idejk biex tagħżel dan l-impenn fiex jikkonsisti — bħal tagħti daqqa t'id regolarment, tiddefendi lil dawk fil-bżonn, jew sempliċement li tkun paċenzjuż u tieħu lin-nies bil-ħlewwa. Kif tista' tkun preżenti għall-oħrajn? Ftakar li l-bidla reali ma tiġix minn azzjoni waħda, kbira kemm hi kbira: il-bidla tiġi permezz ta' dawk il-ħafna azzjonijiet żgħar żgħar, li nagħmlu ta' kuljum, inkluż li nitolbu għal ħutna fil-komunità tagħna. Li tinterċedi għal xi ħadd fit-talb huwa wkoll mod kif tkun ta' servizz. Allura, kif tista' tkompli xxerred il-pożittività li ġejja minn din l-esperjenza?

## KIF SE TKOMPLI TKUN FORZA TA' BIDLA FIL-KOMUNITÀ TIEGĦEK?

mcyn

malta catholic youth network